| | |
|---|---|
| Aferesi | Antiiteżi |
| Allegorija | Apokope |
| Alliterazzjoni | Apostrofi |
| Anadiplosi | Asindeto |
| Anafora | Ballata |

| | |
|---|---|
| It-tqegħid flimkien ta' żewġ kunċetti li jfissru l-maqlub ta' xulxin u li għalhekk joħolqu kuntrast bejniethom.<br>eż, "Mejtin ta' ġensna, ma tmutux qatt iżjed,<br>twelidtu llum għax bnejtu ġens minn blata" | Il-qtugħ ta'ittra jew sillaba fil-bidu ta' kelma.<br>eż, 'mma |
| Il-qtugħ ta' ittra jew sillaba fl-aħħar ta' kelma.<br>eż, "safej' " | Storja li tinftiehem fuq livell letterali iżda mbagħad trid tiġi analizzata aktar fil-fond biex jinħareġ il-livell metaforiku tagħha jiġifieri l-ħsieb profond moħbi li jkun fiha. |
| Indirizz poetiku. eż, "Ja Gelmus" | Ir-ripetizzjoni tal-istess ittra, fl-istess vers, li tista' tkun vokali jew konsonanti.<br>eż,"f'xita qalila tax-xjuħija li ġiet..." (għall-konsonanti 'x') |
| il-qtugħ tal-konġunzjoni bejn għadd ta' kliem wara xulxin.<br>eż, "jonfoħ, jitħabat, jilheġ" | Ir-ripetizzjoni ta' kelma jew frażi, li tkun fl-aħħar tal-vers, fil-bidu tal-vers li jmiss.<br>eż, "U Fredie l-buli,<br>Buli aktar ma baqax!" |
| Hija għanja li tirrakkonta storja sentimentali li ħafna drabi jkun fiha xejriet storiċi u li x'aktarx tkun bi tmiem traġiku. | Ir-ripetizzjoni ta' kelma jew iżjed fil-bidu ta' għadd ta' versi taħt xulxin.<br>eż, "ta' ferħ, ta' tgawdijja,<br>ta' dawl u ta' dija" |

| | |
|---|---|
| Ċesura | Ewfemiżmu |
| Eleġija | Gradazzjoni |
| Eliżjoni | Interjezzjoni |
| Enjambment | Iperbole |
| Epizewsi* (Epiżewski) | Ironija |

| | |
|---|---|
| Mod ta' taħdit jew kitba li biha itnaqqas il-kruha ta' ħaġa, iżda xorta jinftiehem kollox.<br>eż, "Iltaqa' mal-Bambin" | Waqfa li tinħass fil-vers minħabba r-ritmu naturali tal-lingwa u mhux minħabba l-metrika.<br>eż, "Anki 'l baħar agħmel tiegħek" |
| It-tqegħid tal-ħsieb li jiżdied u jitwaqqa kull ma jmur sakemm jilħaq l-aqwa tiegħu (klajmaks).<br>eż, "Aħbat, idrob, infed, oqtol..." | Poeżija miktuba għal xi ħadd li miet jew imnebbħħa mill-mewt fiha nnifisha. |
| Kelma li biha jitfissru aħjar għadd ta' sentimenti fosthom l-istagħaġib (oh!), in-niket (ah!), dwejjaq (uff!), eċċ.<br>eż, "Oh ġenna ta' mħabba!" | Il-qtugħ ta' vokali fl-aħħar ta' kelma quddiem il-vokali jew għ jew h tal-kelma ta' wara.<br>eż, "darb' oħra" |
| Esagerazzjoni magħmula apposta biex tenfasizza xi ħaġa partikolari.<br>eż, "xbieki tal-ħadid jifilħu d-dinja!" | It-tkomplija ta' vers fil-vers ta' warajh mingħajr ebda waqfa bejn il-vers u ta' warajh.<br>eż, "Minn xebha u għarusa<br>F'jum wieħed dil-mara<br>Ittejjeġ u tormol!" |
| Il-ħabi tat-tifsira vera f'taħdit li qed jgħid il-kontra.<br>eż, "Imxi metru, ibni villa" | Ir-ripetizzjoni ta' kelma jew aktar wara xulxin, biex issir enfasi. eż, "Le, Le" |

| | |
|---|---|
| Kliem arkajku | Paradoss |
| Metafora | Paralleliżmu |
| Mistoqsija Retorika. | Patos |
| Neoloġiżmu | Personifikazzjoni |
| Onomatopea | Polisindeto |

Meta jkollok stqarrija li tmur kontra stqarrija oħra.
eż, "nemmen u niċħad"

Kelma jew frażi li m'għadhiex tintuża.
eż, "bandu"

Il-bini ta' versi jew sentenzi, bl-użu tar-ripetizzjoni, b'mod li kull parti tingħata l-istess importanza permezz ta' binja sintattika waħda li tisħaq fuq xebh jew kuntrasti.
eż, "Nisma l-għanja tal-bilbla fis-sema,
Nisma l-għanja tal-bidwi felħan"

Fiha kliem jew frażi jkunu mqabbla ma' affarijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu f'sens letterali; fiha jkun hemm paragun moħbi.
eż, "Maltija l-qalb li żammet f'baħar niket"

Ħass ta' tqanqil, ħasra, mogħdrija jew simpatija f'xogħol letterarju.

Mistoqsija li għaliha l-kittieb ma jkun qiegħed jistenna l-ebda tweġiba. L-effet li tħalli l-mistoqsija fuq il-qarrej huwa bil-wisq akbar minn kull tweġiba li wieħed jista' jagħti.
eż, "Hekk is-Sema jitkellem?"

Meta kittieb jew poeta jagħti kwalita umana lil xi ħaġa li mhiex bniedem.
eż, "ħuttaf. . . ġie jbus l-art"

Kelma ġdida li tiddaħħal fil-lingwa.
eż, "titjira(a)gunija"

It-tirbit tal-partijiet ta' frażi b'użu ta' kunġunzjoni mtennija.
eż, "u nara 'l sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat
titkisser"

Kelma li turi l-ħoss li trid tfisser.
eż, "ċaraċar"

| | |
|---|---|
| Referenza għal xogħol ieħor | Rima interna/ġewwiena |
| Repetizzjoni | Rima mqabbża |
| Rima alternata | Ritornell |
| Rima ħielsa | Saffika |
| Rima mbewsa | Sarkażmu |

| | |
|---|---|
| Kliem li jirrima fl-istess vers. | Indikazzjoni għal xogħol ta' poeti jew awturi oħra f'xogħol letterarju.<br>eż, "Dil-ħolma t'Alla kif qal Buttigieg" |
| It-tieni vers jaqbel mar-raba' vers. | Il-kitba mill-ġdid ta' kliem jew frażijiet għal diversi drabi fl-istess xogħol. |
| Ir-ripetizzjoni ta' vers jew għadd ta' versi f'poeżijja. | L-ewwel vers jaqbel mat-tielet u t-tieni mar-raba' (a-b-a-b) |
| strofa b'erba' versi, l-ewwel tlieta tal-ħdax u r-raba' tal-ħamsa jew tas-sebgħa. | Rima li tkun bla ebda skema partikolari. |
| Diskors ironiku li mad-daqqa t'għajn jidher li qiegħed ifaħħar iżda fil-verita' jkun qiegħed jikkritika u jniggeż.<br>eż, "Sar il-miraklu tal-konkrit" | Żewġ versi wara xulxin bi kliem jirrima (a-a). |

| | |
|---|---|
| Sineddoke | Terzina(terzini) |
| Sinkope | Kwartina(kwartini) |
| Similitudni | Sunett |
| Strofa | Ton |
| Distiku(distiċi) | Vers ħieles |

| | |
|---|---|
| Strofa bi tliet versi. | Issemmi parti minn ħaġa u tinftiehem il-ħaġa sħiħa. eż, "Ftakart fik, ja dar hienja w sabieħa" |
| Strofa b'erba versi. | Il-qtugħ ta' sillaba min-nofs ta' kelma. eż, "Ħars'thom" |
| Poeżijja magħmula minn erbatax-il vers u kull vers huwa ta' ħdax-il sillaba(endekasillabu) | Tixbih jew paragun bejn żewġ affarijiet bl-użu ta' kliem bħal: qisu, jixbaħ, donnu, bħal, tistħajlu. eż, "Bħaż-żiffa mreżżħa tal-għodwiet xitwija." |
| Il-burdata tal-poeta espressa mill-kliem li juża u mill-mod kif jibni l-kitba tiegħu. Jista' jkun ferrieħi, imdejjaq, ironiku, kritiku, deċiżiv, ċelebrattiv, riflessiv u oħrajn. | Stanza jew paragrafu minn poeżijja. |
| Vers ta' tul jew qies differenti. | Strofa b'żewġ versi. |

| Versi mħallta | Vokabolarju magħżul(reġistru) |
|---|---|
| Versi regolari | |
| Vers tronk | |
| Vers martelljan | |
| Vers wati(pjan) | |

| | |
|---|---|
| Grupp ta' kliem li kollha jkollhom x'jaqsmu ma' tema partikolari. Ħafna drabi kull poeta jew awtur ikollu r-reġistru partikolari tiegħu għax ikun jikteb b'mod regolari dwar temi partikolri. | versi regolari (eż, settenarju, ottonarju, endekasillabu) imħalltin flimkien biex isawru xogħol poetiku wieħed. |
| | Gruppi ta' kliem li flimkien joħolqu ritmu u li jżommu dejjem l-istess numru ta' sillabi. |
| | Vers li jagħlaq b'kelma li għandha l-aċċent fuq l-aħħar sillaba. Din trid togħoddha bħala tnejn skont ir-regoli tal-poeżija. eż, "bejn żewġ ħitan titkennen tas-sejjieħ" |
| | Vers magħmul minn żewġ versi settenarji (b'seba' sillabi) eż, "U l-Kotra qamet f'daqqa - u għajtet: 'Jien Maltija!" |
| | Vers li jagħlaq b'kelma li għandha l-aċċent fuq is-sillaba ta'qabel tal-aħħar. eż, "Kaxxa ħdejn kaxxa, saret kaxxa kbira" |